MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Numru. 561/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs.**

**Duncan Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Duncan Caruana ta' 21 sena, iben Joseph u Anna nee' Schembri, mwieled Pieta' nhar l-l-10 ta' Gunju 1987, residenti gewwa 46 Triq San Gorg, Paola, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 265087(M).

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1. Bejn l-1 ta' Marzu 2009 u t-3 ta' Gunju, 2009 minn gewwa Scotts Supermarket li jinsab Triq il-Mina ta' Hompesch, Zabbar, ikkommetta serq ta' diversi prodotti u affarijiet li l-valur taghhom jeccedi l-2329.4 Euro (Lm1000) ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat ir-rikors kongunt tat-12 ta' Novembru 2014 ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat Duncan Caruana ai termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn iz-zewg rikorrenti konguntivament, filwaqt li ddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini ta' l-artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, talbu lill-Qorti illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkuzat Duncan Caruana ghall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din il-Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal perjodu ta' sentejn (2) sospizi ghal erba (4) snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll obligazzjoni li fi zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza ihallas is-somma ta' elfejn Ewro (€2000) lil parte civile Scotts Supermarket, u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2014, din il-Qorti iddikjarat illi hija sodisfatta illi is-sanzjonijiet u mizuri mitluba fir-rikors huma tali li, jekk ikun hemm ammissjoni da parti tal-imputat

ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, ikun legittimu illi hija timponi s-sanzjonijiet u mizuri miftiehma bejn l-Avukat Generali u l-imputat fir-rikors fuq imsemmi.

Fl-istess seduta, din il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car xi jkunu l-konsegwenzi tat-talba fir-rikors tieghu u tal-Avukat Generali msemmi, u l-imputat iddikjara li qed jifhem dawn il-konsegwenzi.

Sussegwentement fl-istess seduta, l-imputat irregistra ammissjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 261(c), 267 u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u qed tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn (2), li qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ai termini ta’ l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta’ elfejn Euro (€2000) lil Scotts Supermarket fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Ai termini ta’ l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f’kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

Din il-Qorti tiddikjara li din is-sentenza qieghda tigi hekk moghtija fuq talba tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------